MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2009

Appell Civili Numru. 135/1997/2

**Anthony Camilleri f'ismu proprju**
**u bhala mandatarju generali ta' huh imsiefer**
**John Camilleri, Nazzareno Camilleri**
**u b'digriet tat-12 ta' Mejju 1998 il-gudizzju gie trasfuz**
**f'isem Agnes Camilleri u wliedha David,**
**Kevin u Natalie mizzewga Hili, Michael Camilleri,**
**Carmen mart Martin Xuereb u permezz ta' nota**
**prezentata fid-29 ta' Mejju 2007 Richard Xuereb**
**assuma l-atti**
**f'isem ommu Carmen Xuereb li hi assenti**

**v.**

**Maria mart Peter Paul Camilleri**

**u l-istess Peter Paul Camilleri ghal kwalunkwe interess**
**li jista' jkollu, Lilian mart George Gatt,**
**Mary Louise mart Raymond Muscat**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti minn sentenza parzjali moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fil-23 ta' Mejju 2008, liema sentenza sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell:-

"Il-Qorti

"**Interess Guridiku – Accettazzjoni ta' Eredita` – Rinunzja ghall-Eredita` - Legittima.**

"Rat ic-citazzjoni prezentata fl-10 ta' Lulju 1997 u li permezz taghha l-atturi:-

"1. Ikkontestaw il-validita` tat-testmenti li Ursola Camilleri ghamlet wara li miet zewgha, u talbu dikjarazzjoni li dawn it-testmenti huma nulli u bla effett ghaliex isostnu li *"………. ma jirraprezentawx il-volonta` tat-testatrici l-ghaliex kienu frott ta' ingann u ta' pressjoni ezercitata mill-konvenuti li mpediet lit-testatrici mix-xewqa u mill-volonta` libera taghha aktar u aktar meta l-poteri mentali taghha kienu resi indeboliti mill-eta' avvanzata tat-testatrici u mill-pilloli narkotici u medicinali ohra li kienu jigu somministrati lilha minhabba l-mard kroniku li kienet tbaghti minnu"*.

"2. Fin-nuqqas talbu dikjarazzjoni fis-sens li l-legati li ghamlet permezz ta' l-imsemmija testment jaqbzu s-sehem li minnu setghet tiddisponi Ursola Camilleri, sabiex jigi stabbilit is-sehem li setghet tiddisponi minnu d-decujus

u sabiex il-legati jigu mnaqqsa sa dak is-sehem li minnu setghet tiddisponi t-testatrici.

“Permezz ta’ eccezzjoni ulterjuri li nghatat mill-konvenuti fid-19 ta’ Ottubru 2007 (fol. 273) iddikjaraw li:-

“*“Il-karenza guridika tal-atturi fil-prosegwiment ta’ dina l-kawza stante illi fil-mori ta’ din il-kawza, huma ghazlu li jirrinunzjaw ghall-wirt tad-de cuius u naqsu milli jaghmlu talba ghal-legittima fit-terminu koncess mil-ligi”*.

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet prezentata mill-atturi fit-13 ta’ Novembru 2007 u n-nota ta’ sottomissjonijiet prezentata mill-konvenuti fl-14 ta’ Dicembru 2007, li jittrattaw l-eccezzjoni ulterjuri.

“Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Mejju 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza parzjali fuq l-eccezzjoni ulterjuri prezentata mill-konvenuti fid-19 ta’ Ottubru 2007.

“Ikkunsidrat:-

"1. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

"(a) Fil-21 ta’ April 1997 mietet Ursola Camilleri armla ta’ Paul Camilleri.

"(b) Ursola Camilleri flimkien ma’ zewgha ghamlet erbgha (4) testmenti:- **7 ta’ Gunju 1975** (fol. 9) – taw lil xulxin id-dritt li jibdlu t-testment minghajr ma jinkorru fil-penalitajiet kontemplati mil-ligi. F’dan it-testment innominaw bhala eredi lis-sitt uliedhom, cioe` l-atturi Carmen Xuereb, Michael Camilleri, Nazzareno Camilleri (illum mejjet), Anthony Camilleri, John Camilleri u Maria Camilleri (Sitt Artikolu). Inoltre, iddisponew minn xi gid permezz ta’ legati; **25 ta’ Ottubru 1979** (fol. 12) – testment addizzjonali ghall-ewwel wiehed in kwantu ddisponew minn gid permezz ta’ legati; **12 ta’ Settembru 1980** (fol. 13) - testment addizzjonali ghall-ewwel tnejn in kwantu ddisponew minn gid permezz ta’ legat; **30 ta’ Ottubru 1981** (fol. 15) - testment addizzjonali ghall-

ewwel tlieta in kwantu ddisponew minn gid permezz ta’ legat.

"(c) Wara l-mewt ta’ zewgha Ursola Camilleri ghamlet xejn inqas minn sebgha (7) testmenti ohra u cioe` 26 ta’ Lulju 1985 (fol. 16); 31 ta’ Lulju 1985 (fol. 19); 12 ta’ Novembru 1985 (fol. 21); 12 ta’ Ottubru 1991 (fol. 30)[1]; 12 ta’ Dicembru 1991 (fol. 23); 26 ta’ Ottubru 1993 (fol. 25); 2 ta’ Settembru 1994 (fol. 27); 19 ta’ Dicembru 1994 (fol. 29). F’dawn it-testmenti ddisponiet minn gid permezz ta’ legati, izda qatt ma varjat l-eredi li nnominat permezz ta’ l-ewwel testment *unica charta* li ghamlet fis-7 ta’ Gunju 1975 fl-attti tan-nutar Maurice Gambin.

"(d) Permezz tal-ewwel talba tac-citazzjoni, l-atturi talbu dikjarazzjoni li t-testmenti li Ursola Camilleri ghamlet wahedha huma nulli u bla effett ghaliex saru minhabba ingann u pressjoni tal-konvenuti. Permezz ta’ nota prezentata fit-2 ta’ Gunju 2006 (fol. 162) l-atturi rrinunzjaw ghall-ewwel talba.

"(e) Permezz ta’ noti prezentati fit-22 ta’ Gunju 2007 (fol. 182-189) fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja, l-atturi Michael Camilleri; Agnese Camilleri ghan-nom taghha u ta’ wliedha Nathalie Hili, David Camilleri u Kevin Camilleri (ulied Nazzareno Camilleri); Anthony Camilleri; u John Camilleri rrinunzjaw ghall-wirt ta’ Ursola Camilleri u zammew ferm id-dritt ghal-legittima. L-istess ghamlet l-attrici Carmela Xuereb permezz ta’ nota prezentata fit-23 ta’ Jannar 2007 minn binha Richard Xuereb (fol. 191).

"(f) Fis-seduta tad-19 ta’ Ottubru 2007 gie verbalizzat li ***“hemm qbil bejn il-partijiet li matul din is-sena l-atturi kollha rrinunzjaw ghall-eredita` ta’ Ursola Camilleri”*** (fol. 271). Kien f’dak l-istadju li d-difensur tal-konvenuti ddikjara li *“…l-konvenuti jridu jressqu eccezzjoni ulterjuri fis-sens illi l-atturi m’ghandhomx interess guridiku f’din il-kawza peress li rrinunzjaw ghall-*

[1] Atti nutar Dr. Paul George Pisani. It-testmenti l-ohra saru fl-atti tan-nutar Dr. Michael Refalo.

*wirt ta' Ursola Camilleri u kif ukoll naqsu li jaghmlu talba ghal-legittima skond il-ligi ai termini ta' l-Artikolu 845(1) tal-Kap. 16, ghalhekk m'ghadx ghandhom interess guridiku llum"*.

"(g) Sussegwentement, permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet prezentata fit-13 ta' Novembru 2007 l-atturi bdew jargumentaw li huma, bhala werrieta ta' ommhom Ursola Camilleri, kienu ghamlu atti ta' eredi sa minn ftit gimghat wara l-mewt ta' ommhom u ghalhekk *"…min jaghmel atti di eredi ma jistax jirrinunzja ghall-wirt aktar tard u ghalhekk in-nota tal-atturi li saret fil-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja hija bla ebda effett"*. Min-naha tal-konvenuti jsostnu li l-atturi rrinunzjaw ghall-wirt ta' ommhom u li f'kull kaz il-Qorti ma tistax tindaga jekk tali rinunzja hijiex valida in kwantu din il-kwistjoni *"ma taqax fil-parametri ta' dina l-kawza"* (ara nota prezentata fl-14 ta' Dicembru 2007).

"2. Il-Qorti thoss li ghandha fl-ewwel lok taghmel osservazzjoni fis-sens li minn qari tac-citazzjoni hi evidenti l-indecizjoni min-naha tal-atturi jekk jaccettawx l-eredita` ta' ommhom jew jekk ghandhomx jitolbu l-legittima. Sfortunatament matul dawn is-snin kollha kemm ilha pendenti din il-kawza (kwazi hdax-il sena) inholqot hafna konfuzjoni li wassal ghal dewmien u eccezzjonijiet li nghataw ukoll fil-kors tal-kawza. It-talbiet saru b'mod alternattiv, fis-sens li jekk tigi milqugha l-ewwel talba l-atturi kienu disposti li jaccettaw l-eredita` ta' ommhom Ursola Camilleri. Min-naha l-ohra jidher li f'kaz li l-ewwel talba (li tittratta dwar il-validita` tat-testmenti li ghamlet Ursola Camilleri wara l-mewt ta' zewgha) tigi michuda, l-atturi riedu li jsir it-tnaqqis tad-diversi legati li ddisponiet minnhom id-decujus permezz tat-testmenti li ghamlet wara l-mewt ta' zewgha prezumibilment bl-iskop li jinghataw il-legittima. Dan minkejja l-fatt li fic-citazzjoni ma saret l-ebda talba ghal likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' Ursola Camilleri u hlas ta' legittima. Tant dak li qeghda tghid il-Qorti hu minnu li:-

"(a) It-tieni talba (li permezz taghha qeghdin jitolbu lill-Qorti biex tiddikjara li dawn jaqbzu s-sehem li

minnu setghet tiddisponi minnu t-testatrici) taqra hekk: ***“in mancanza tal-ewwel talba** tiddikjara illi l-legati li gew imhollija mit-testatrici favur il-konvenuti bit-testmenti……., jaqbzu s-sehem li minnu setghet tiddisponi t-testatrici”* (enfazi u sottolinejar tal-Qorti);

"(b) F’rikors li l-atturi pprezentaw fit-22 ta’ Novembru 2000 iddikjaraw (fol. 109): *“Illi l-esponenti huma eredi ta’ ommhom Ursola Camilleri, nominati b’testment,* ***liema eredita` l-esponenti ghadhom ma ddikjarawx li qeghdin jaccettawha u qeghdin izommu mpregudikat id-dritt taghhom ghal-legittima fuq il-wirt taghha****”* (enfazi tal-Qorti).

"(c) F’nota ta’ sottomissjonijiet prezentata fis-6 ta’ Settembru 2001 (fol. 119-121) l-atturi spjegaw: *“Illi l-esponenti* ***b’din il-kawza mhumiex jitolbu l-legittima skond il-ligi mill-wirt ta’ ommhom u lanqas ghadhom iddikjaraw jekk humiex qeghdin jaccettaw l-eredita` tal-mejta u qeghdin ihallu din il-kwistjoni impregudikata sakemm tigi deciza*** *definittivament din il-kawza u mbaghad ikunu f’posizzjoni ahjar dwar jekk jaccettawx l-eredita` jew li jirrinunzjaw ghaliha u jitolbu l-legittima skond il-ligi u dan permezz ta’ kawza separata u distinta mill-proceduri odjerni. Li qeghdin jitolbu biss l-esponenti f’din il-kawza huwa li l-Qorti tistabilixxi jekk bil-legati u l-laxxiti mhollija mill-mejta favur il-konvenuti, hija eccedietx is-sehem taghha li setghet tiddisponi minnu skond il-ligi u f’kaz affermattiv, li dawn il-legati jigi mnaqqsa sa dak is-sehem li minnu setghet tiddisponi t-testatrici skond il-ligi”* (fol. 120). Sa dak l-istadju l-atturi kienu ghadhom ma rrinunzjawx ghall-ewwel talba li tittratta l-kwistjoni dwar il-validita` tat-testmenti li ghamlet Ursola Camilleri wara l-mewt ta’ zewgha, rinunzja li saret permezz ta’ nota prezentata fit-2 ta’ Gunju 2006 (fol. 162). Il-Qorti ma taqbilx mal-fehma li t-talbiet ghat-tnaqqis (tieni, tielet u r-raba’ talbiet) kienu qeghdin ihallu mpregudikata l-kwistjoni dwar l-accettazzjoni tal-eredita` u l-legittima, in kwantu l-kawza saret ukoll fil-konfront ta’ legatarji li m’humiex werrieta ta’ Ursola Camilleri[2] u t-talba

[2] Lilian Gatt u Mary Louise Muscat.

hi wkoll ghat-tnaqqis ta' dawn il-legati. Din tkun possibbli biss fejn qeghda tintalab il-legittima, in kwantu jekk successibbli jaccetta l-wirt irid joqghod ghal dak li ddispona t-testatur b'legat lil terzi li m'humiex werrieta sakemm ma jkunx accetta l-wirt bil-beneficcju tal-inventarju. F'dan ir-rigward issir riferenza ghal *Notes on Law of Succession* (Prof. V. Caruana Galizia) fejn jittratta t-tnaqqis u jghid li din l-azzjoni ma tistax tigi ezercitata: *"if the said person is the heir of the deceased, in which case he may only demand the reduction of the disposition made to his co-heirs, unless he has accepted the inheritance with the benefit of inventory. A pure and simple acceptance of the inheritance debars the heir from claiming the abatement of the deceased's dispositions, because as such he is bound to respect whatever his author may have done; but as all the heirs are in the same position, the law allows this action to be brought by one of them against the others"* (pagna 1032). Ghalhekk l-argument tal-atturi[3] li t-talba li saret ghat-tnaqqis tad-disposizzjonijiet tat-testmenti li ghamlet Ursola Camilleri hi fiha nnifisha att ta' eredi, hi ghal kollox minghajr bazi.

"(d) Permezz ta' rikors iehor prezentat fis-27 ta' April 2004 mill-atturi (fol. 152), iddikjaraw *"illi minghajr m'ghadhom accettaw l-eredita` tal-mejta Ursola Camilleri u bla pregudizzju ghad-drittijiet kollha taghhom, l-esponenti iddikjaraw is-sehem li kien ghad fadal li jigi ddikjarat……..".*

"L-iskop li l-atturi jikkontestaw il-validita` tat-testmenti li ghamlet wahedha Ursola Camilleri, kien proprju sabiex il-gid li ddisponiet minnu permezz tad-diversi legati u prelegati li ghamlet jerga' jiddahhal fil-massa ereditarja biex jinqasam bejn il-werrieta kollha (cioe` s-sitt uliedha), u jidher li f'dak l-istadju l-atturi kienu jkunu disposti li jaccettaw l-eredita` ta' ommhom. Ghallinqas ir-raguni hekk tghidlek ghaliex kollox kien jerga' jitqieghed ghall-istat ta' qabel l-ewwel testment li ghamlet wahedha Ursola Camilleri (26 ta' Lulju 1985 atti nutar Michael Refalo). Tant hu hekk li l-attur Anthony Camilleri xehed li ma kienx

[3] ara nota ta' sottomissjonijiet prezentata fit-13 ta' Novembru 2007

hemm problemi sakemm kien ghadu haj missierhom u *"fil-fatt missieri halliena werrieta kollha ndaqs ta' gidu u ma ghamel preferenzi ma hadd minnha"* (fol. 74). Jigi rilevat li kull testment li ghamel Paul Camilleri kien *unica charta* ma' martu Ursola Camilleri. Ghalhekk jidher li l-atturi ma ghandhom l-ebda ilmenti dwar l-ewwel erbgha (4) testmenti *unica charta* li saru mill-genituri taghhom.

"3. Minn qari tat-testmenti li Ursola Camilleri ghamlet wara l-mewt ta' zewgha jirrizulta s-segwenti:-

"(a) **26/7/1985** nutar M. Refalo (fol. 16-18):- Ikkonfermat l-erbgha (4) testmenti li ghamlet ma' zewgha Paul Camilleri. Halliet b'legat lil Lilan Camilleri mizzewga Gatt (bint il-konvenuta Maria Camilleri) *"terz indiviz mid-dar tal-abitazzjoni tat-testatrici numru tlieta (3) Triq San Gwann Nadur u dan bhala hlas u rikompens ghas-servigi, kuri u assitenzi illi l-legatarja qed tirrendilha u bl'obbligu illi tibqa' ddur biha sal-mewt"*; bi prelegat lil bintha Carmela Xuereb (l-attrici) *"…l-art sottostanti d-dar u hanut bla isem u bla numru f'Saint John Street, Nadur Gozo tal-kejl ta' circa hames mija u tnejn u sittin metri kwadri (562 sq.m) u cioe' dik l-art illi kienet imhollija lill-istess prelegatarja fit-testment tas-7 (sebgha) ta' Gunju 1975….. oltre dan thallielha wkoll bi prelegat l-bicca art tal-kejl ta' circa mitejn u sitt metri kwadri (206 sq.m) atttigwa mad-dar u hanut imsemmija liema art giet imdawra kwazi kompletament b'hajt mill-prelegatarja u zewgha….."*; bi prelgat lil bintha Maria Camilleri (il-konvenuta) *"zewg bicciet art imsejha ta' Troppu fin-Nadur, Gozo, wahda ta' circa mija u sebgha u tmenin metri kwadri (187sqm) u jew kejl verjuri….. u l-ohra tal-kejl ta' circa sitta u hamsin metri kwadri (56sq.m)……"* u ddikjarat li taf li l-art kienet tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti.

"(b) **31/7/1985** nutar M. Refalo (fol. 19-20):- filwaqt li kkonfermat it-testment tas-26/7/1985 u spjegat li fir-rigward tal-legat imholli lil Lilian Gatt hemm parti mill-fond li akkwistat fiz-zwieg b'titolu ta' datio in solutum, filwaqt li *"in rigward tal-parti ta' wara, din hija kollha tat-testatrici ghax kienet moghtija lilha b'dota"*.

"(c) **12/11/1985** nutar M. Refalo (fol. 21-22) :- sar b'zieda tat-tesmenti li kienet ghamlet. Halliet bi prelegat lil Maria Camilleri (il-konvenuta) porzjon art (kejl ta' 80 mk) imsejha ta' Troppu, Nadur, Ghawdex u porzjon art (kejl ta' 496 mk) imsejha ta' Dun Vincenz, Nadur. Prelegat li ddikjarat li qeghda thalli b'kumpens u tpattija ghas-servigi li l-prelegatarja pprestat u li tkun obbligata li tibqa' taghti sal-mewt tat-testatrici. Iddikjarat ukoll li *"jekk xi hadd minn uliedha ma joqghodx ghad-disposizzjoni testamentarji taghha ghandu jiddekadi minn kull beneficcju lilu jew lilha imholli u jiehu biss il-legittima lilu spettanti bil-ligi"* (fol. 22).

"(d) **21/10/1991** nutar P. G. Pisani (fol. 30-31):- ikkonfermat it-testmenti precedenti u halliet bi prelegat proprjeta` ohra lill-attrici Carmen Xuereb. Dan it-testment gie mhassar permezz tat-testment li ghamlet fis-26 ta' Ottubru 1993.

"(e) **12/12/1991** nutar M. Refalo (fol. 23-24):- ikkonfermat it-testmenti precedenti u halliet b'legat lill-konvenuta Lilian Gatt *"il-bicca mandra tal-kejl ta' circa mitejn u tnejn u sittin metri kwadri (262mk) li hija retrostanti parti mid-dar numru tlieta (3) Saint John Street, Nadur u cioe' dik l-istess mandra illi giet assenjata lit-testatrici b'dota bl-att tan-Nutar Angelo Cauchi tas-sebgha (7) ta' Novembru elf disa' mija u hamsa u tletin (1935)"*. Ordnat ukoll li fl-eventwali divizjoni, Lilian Gatt ghandha tinghata parti mill-imsemmi fond li jkun jikkonfina mal-mandra, *"taht il-penali tad-dekadenza minn kull beneficcju mholli lill-eredi/legatarji taghha"*.

"(f) **26/10/1993** nutar M. Refalo (fol. 25-26):- hassret it-testment li ghamlet fil-21 ta' Ottubru 1991.

"(g) **2/9/1994** nutar M. Refalo (fol. 27-28):- iddikjarat li t-testmenti li ghandhom jirregolaw is-successjoni taghha huma dawk li ghamlet ma' zewgha fis-7/6/1975, 25/10/1979, 30/10/1981 u dawk li ghamlet wara mewtu 26/7/1985, 31/7/1985, 12/11/1985, 12/12/1991 u 26/10/1993 diment li huma kompatibbli ma dak li ghamlet fit-2 ta' Settembru 1994. Halliet ukoll bi prelegat lil bintha

Maria Camilleri l-beni kollha *"provenjenti lilha mill-wirt u successjoni tal-mejta ohta Paola xebba Vella"* (fol. 28). Inoltre halliet b'legat lil Mary Louise xebba u Lilian mart George Gatt fi kwoti ugwali bejniethom *"il-bicca raba' imsejha taz-Zebbuga fi Triq San Blas, Nadur u cioe' dik l-istess bicca art illi giet legata lit-testatrici mill-mejta ohtha Paola Vella, bit-Tmien Artikolu tat-testment taghha fl-atti tan-Nutar Dottor Antonio Galea tal-hdax-11 ta' Frar elf disgha mija wiehed u sebghin (1971)"* (fol. 28).

"(h) **19/12/1994** nutar M. Refalo (fol. 29-30):- Ikkonfermat it-testmenti precedenti diment li jkunu kompatibbli ma' dak li kienet qeghda taghmel, filwaqt li hassret it-tielet artikolu tat-testment tas-26/7/1985 fl-atti tan-nutar Michael Refalo li bih halliet prelegat lil bintha Carmela Xuereb.

"4. L-Artikolu 850 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi li accettazzjoni ta' wirt tista' tkun espressa jew tacita; *"hija tacita, meta l-werriet jaghmel xi att li bilfors ifisser li* ***huwa ried jaccetta l-wirt****, u li ma kienx ikollu l-jedd li jaghmel jekk mhux bhala werriet".* Ghal dik li hi accettazzjoni, l-att fih innifsu m'huwiex bizzejjed biex jaghti lok ghall-accettazzjoni. Dan in kwantu minn dak l-att irid jirrizulta li l-werriet **ried jaccetta l-wirt**; *"hemm bzonn, kif stabbilit mill-gurisprudenza,* ***illi jkun hemm il-volonta` u l-intenzjoni li b'dak l-att tigi accettata l-eredita`****, u ta' dan trid issir il-prova univoka, b'mod li ma tkunx possibbli kwalunkwe interpretazzjoni ohra ta' dak l-att (v. Kollez. XXIX.i.1179) u App. Civ. 2.3.1951 (inedita) in re Giorgia Zammit vs Marchese Enrico Grispo Barbaro di San Giorgio)"* (**Maria Stella Hili et vs Carmelo Cilia** deciza fid-19 ta' Jannar 1956 – Vol. XL.ii.691). Sahansitra fil-kawza fl-ismijiet **Amadeo Mea et vs Albert Borg et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1952[4] filwaqt li gie kkonfermat li mill-att trid tirrizulta l-volonta tas-successibbli li jaccetta l-wirt, *"mhux bizzejjed li l-att jirrileva intenzjoni kwalunkwe, dak l-att irid ikun tali li jimplika b'mod necessarju u inekwivokabili l-volonta` f'min*

[4] Vol. XXXIV.ii.475. Il-kontendenti ghamlu riferenza ghaliha fin-noti ta' sottomissjonijiet.

*jaghmlu li jaccetta l-wirt. Magistralment f'dan id-rigward hu l-insenjament tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maesta' tar-Regina fil-kawza Azzopardi vs Mallia deciza fis-6 ta' Novembru 1916:- 'Mentre secondo l'antico diritto bastava per l'accettazione dell'eredita` un atto qualunque esprimente la volonta` d'essere erede, per cui la tacita accettazione poteva emergere da un fatto che per se stesso non supponeva di necessita' l'intenzione di accettare l'eredita`, il diritto nuovo, ad eliminare gli apprezzamenti fondati su verosimiglianze piu' o meno fondate, vuole che l'atto da cui si voglia inferire l'accettazione debba essere tale da supporre, non solo certamente, ma necessariamente la volonta di accettare (Kollez. XXIII.i.254)"*. Kompliet tghid li fid-dubju l-accettazzjoni ghandha tigi eskluza. Hekk ukoll f'sentenza ohra tal-istess Qorti li nghatat fit-30 ta' Gunju 1925 fil-kawza fl-ismijiet **Vincenzo Cassar vs Virginia Cassar nomine et** (Vol. XXVI.ii.144) inghad hekk: *"l'accettazione della eredita` occorre che risulti da atti I quali se non danno la espressione esplicita dell'animo della accettazione, siano pero` tali che manifestino nel tacere del vocato una* ***determinazione non equivoca*** *dell'animo suo di accettare l-eredita` di cui si tratta"*.

"Minn qari tac-citazzjoni jirrizulta li l-atturi kienu disposti li jaccettaw l-eredita` **biss** fl-eventwalita' li jirnexxielhom jottjenu dikjarazzjoni fis-sens li t-testmenti li ghamlet Ursola Camilleri jigu dikjarati nulli ghar-raguni li tissemma fic-citazzjoni (ingann u pressjoni li saret mill-konvenuti u t-testatrici kellha mumenti fejn ma kellix il-kontroll shih tas-sensi taghha b'rizultat tal-pilloli li kienet qeghda tiehu ghall-mard kroniku). Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li kuntrarjament ghal dak li qeghdin issa jsostnu l-atturi, din il-kawza ma tistax tigi meqjusa bhala accettazzjoni tal-eredita`. Ic-citazzjoni fiha nnifisha turi li l-atturi sa mill-bidunett ma kellhomx l-intenzjoni li jaccettaw l-eredita` ta' Ursola Camilleri jekk l-ewwel talba (dwar il-validita` tat-testmenti) ma jkollix ezitu favorevoli ghalihom. Intenzjoni li dehret ukoll anke sa minn qabel giet prezentata l-kawza (ara per ezempju l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 338/1997 fl-ismijiet **Anthony Camilleri proprio et nomine et vs Maria Camilleri et**). Dan kuntrarjament

ghas-sottomissjoni li ghamlu l-istess atturi fin-nota li pprezentaw fit-13 ta' Novembru 2007 (ara tieni paragrafu a fol. 277). F'din in-nota l-atturi, kuntrarjament ghal dak li kienu qeghdin ighidu qabel (ara paragrafu numru 2 ta' din is-sentenza), bdew jargumentaw li c-citazzjoni hi fiha nnifisha att ta' accettazzjoni ta' l-eredita` ta' ommhom. Fil-fatt fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2007 id-difensur tal-atturi ddikjara li *"……. f'dan l-istadju l-atturi qeghdin isostnu li: 1. in-nota ta' rinunzja ta' l-eredita` m'ghandha l-ebda validita; u 2. li l-atturi qeghdin jagixxu bhala l-werrieta ta' Ursola Camilleri"* (fol. 278). Ghalkemm hu minnu li fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2007 (fol. 271) din il-Qorti ssollevat il-punt jekk ic-citazzjoni kenitx att ta' accettazzjoni tacita tal-eredita` ta' Ursola Camilleri, din ma kenitx dikjarazzjoni izda sempliciment domanda li ssollevat il-Qorti sabiex tigi trattata mill-partijiet. Dan fl-isfond tal-kopji tan-noti ta' rinunzja ghall-eredita` ta' Ursola Camilleri li fis-16 ta' Mejju 2007 gew prezentati mill-atturi (fol. 182, 184, 186, 188, u 191). Minn dak il-mument l-atturi bdew isostnu li r-rinunzja tal-wirt ma kenitx valida in kwantu ic-citazzjoni kienet fiha nnifisha att ta' accettazzjoni ta' l-eredita`. Tant dan hu minnu li f'affidavit li ghamel l-attur Anthony Camilleri fis-27 ta' Lulju 2007 (fol. 262) filwaqt li ghamel riferenza ghal kawza ohra fl-ismijiet **Anthony Camilleri et vs Lilian Gatt et** fejn qeghda tigi kontestata l-kirja tal-fond numru 3, Triq San Gwann, Nadur, Ghawdex lil Lilian Gatt (bint il-konvenuta Maria Camilleri), spjega li *"Ghaldaqstant din il-kirja qed taffetwa l-legittima spettanti lili u lil huti, atturi f'din il-kawza, bhala successuri tad-decuius Ursola Camilleri"*. Min-naha tal-konvenuti, wara li saru d-dikjarazzjonijiet ta' rinunzja tal-wirt ta' Ursola Camilleri fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja, biddlu wkoll l-argument. Dan in kwantu qabel kienu qeghdin isostnu li l-atturi ma setghux jirrinunzjaw ghall-wirt minhabba dak li jipprovdi l-Artikolu 869 tal-Kodici Civili[5] (ara tieni eccezzjoni tan-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri prezentata

[5] *"B'dak kollu li jinghad fl-artikoli ta' qabel dan, l-imsejhin ghall-wirt, illi jkollhom fil-fatt il-pussess tal-hwejjeg tal-wirt, jitilfu, wara tliet xhur mill-ftuh tas-successjoni jew minn dak in-nhar li jkunu saru jafu li l-wirt imiss lilhom, il-jedd tar-rinunzja ghal dak il-wirt, kemm-il darba ma jkunx imxew skond il-disposizzjonijiet dwar il-beneficcju ta' l-inventarju; u jitqiesu bhala werrieta minghajr dan il-beneficcju, ukoll jekk kontra dan ighidu illi huma jippossjedu dawk il-hwejjeg taht titolu iehor"*.

fit-28 ta' Settembru 2000 fol. 99) u sahansitra kienu qeghdin iressqu provi (ara per ezempju affidavit ta' Lilian Gatt prezentat fil-15 ta' Gunju 2007 a fol. 233) biex juru li kien hemm accettazzjoni tal-wirt min-naha tal-konvenuti. Fil-fatt fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-konvenuti fl-14 ta' Dicembru 2007 (ara fol. 280) b'riferenza ghat-tieni eccezzjoni tan-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri prezentata fit-28 ta' Settembru 2000 (fol. 99) iddikjaraw: *"**L-esponenti llum irrinunzjaw ghal din l-eccezzjoni** kif inhu lilhom koncess u dana wara illi rrizulta, **u dana anke ghab-bazi tal-provi li pproducew l-istess atturi dwar l-assi tad-de cuius, illi l-immobbli fil-pussess ta' l-atturi kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti tad-de cuius mal-mejjet zewgha u ma kienux proprjeta` parafernali tad-de cuius**……..Ghaldaqstant, kien evidenti ghall-esponenti illi l-eccezzjoni ulterjuri taghhom illi l-atturi ma setghux f'dan l-istadju jirrinunzjaw ghall-wirt ma kienetx legalment korretta u ghalhekk hassew illi kellhom jirtirawha. Dana l-fatt m'ghandu jaghti l-ebda konfort lill-atturi"* (enfazi tal-Qorti -fol. 280-281). Sahansitra fl-istess nota komplew ighidu li *"Fi kwalunkwe kaz, ma kienx hemm atti univoci li ghandhom jinducu dina l-Onorabbli Qorti ghall-konkluzjoni li kien hemm xi accettazzjoni tacita tal-wirt tad-de cuius qabel ma saret ir-rinunzja ta' l-istess wirt"* (fol. 285). Il-Qorti ccitat b'mod estensiv minn din in-nota sabiex turi li llum ghall-konvenuti m'ghadx hemm kwistjoni dwar jekk kienx hemm accettazzjoni ta' l-eredita` ta' Ursola Camilleri min-naha tal-atturi, in kwantu qeghdin jaccettaw li l-konvenuti m'humiex werrieta ta' Ursola Camilleri.

"5. Il-Qorti hi tal-fehma li gialadarba fil-mori ta' din il-kawza l-atturi ghazlu li jirrinunzjaw ghall-eredita` ta' ommhom, l-iktar li jista' jkollhom dritt hu ghall-hlas tal-legittima (illum maghrufa bhala sehem rizervat) cioe` s-sehem mill-beni tal-wirt li tirrizervalhom il-ligi bhala dixxendenti ta' ommhom Ursola Camilleri, u bhala tali huma meqjusa li qatt ma kienu werrieta (Artikolu 862 tal-Kodici Civili). Legittima li l-atturi stess irrizervaw id-dritt ghaliha fin-nota li pprezentaw quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja.

"6. Min-naha tal-konvenuti qeghdin isostnu li l-atturi m’ghandhomx interess guridiku ghaliex:-

(a) Fil-mori tal-kawza irrinunzjaw ghall-eredita ta’ Ursola Camilleri; u

(b) naqsu li jaghmlu talba ghal-legittima fit-terminu koncess mil-ligi.

“F’dikjarazzjoni li saret mar-risposta guramentata, il-konvenuti jsostnu li *“peress illi l-esitu ta’ dina l-kawza* ***jista’ biss jaghti vantagg lill-eredi*** *ta’ l-istess Ursola Camilleri, l-atturi llum m’ghad fadlilhom l-ebda interess fil-prosegwiment tal-kawza”* (enfazi tal-Qorti - fol. 273). Il-Qorti ma taqbilx in kwantu l-atturi ghandhom interess guridiku f’dawn il-proceduri bhala legittimarji u ezitu favur l-atturi jaghtihom vantagg. Il-fatt li rrinunzjaw ghall-wirt ta’ ommhom, ma jfissirx li m’ghandhomx jedd li jitolbu t-tnaqqis tad-disposizzjonijiet ta’ testment li jaqbez is-sehem li minnu Ursola Camilleri setghet tiddisponi. L-Artikolu 647 tal-Kodici Civili jipprovdi: *“Id-disposizzjonijiet ta’ testment meta jaqbzu s-sehem li minnu seta’ jaghmel it-testatur, ghandhom jitnaqqsu sa dak is-sehem, fiz-zmien tal-ftuh tas-successjoni, izda dan kemm-il darba t-talba tigi maghmula fiz-zmien imsemmi fl-artikolu 845”*. Il-fatt li f’din il-kawza m’hemmx talba ghal likwidazzjoni u hlas tal-legittima lanqas ma jista’ jfisser li l-atturi m’ghandhomx interess guridiku f’dawn il-proceduri. L-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li **l-legati** li thallew minn Ursola Camilleri jaqbzu s-sehem li minnu setghet tiddisponi t-testatrici u stabbilit is-sehem li minnu setghet tiddisponi l-attrici, tordna li l-legati li jeccedu il-parti disponibbli ghandhom jintnaqqsu sa dak is-sehem li minnu setghet tiddisponi t-testatrici. Wiehed ghandu jiftakar il-principju kardinali li l-legittima hi *“….dovuta al legittimario in natura*[6]*, meno quando il testatore medesimo abbia riservato pel leggittimario una determinate specie di beni in pagamento della legittima, questa non e’ costituita sopra alcuna particolare cosa*

[6] Ovvjament ghal dawk l-ereditajiet li m’humiex regolati mill-emendi li kienu dahlu fis-sehh permezz tal-Att XVIII tal-2004.

*certa e determinate,* ***bensi sopra tutto quanto il patrimonio ereditario****; talche' essa viene soddisfatta, dopo la liquidazione di detto patrimonio, con l'assegnazione in natura di tanti beni quanti equivalgono all'importo della legittima come liquidato, dovendone la scelta, in assenza di comune accordo degli interessati, farsi arbitrio boni viri dalla Corte"* (**Antonio Zammit ed altri v. John Luigi Apap ed altri** deciza fil-15 ta' Novembru 1933 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[7]).

"L-argument l-iehor tal-konvenuti hu li gialadarba naqsu li jaghmlu talba ghal-legittima **fit-terminu moghti mil-ligi** m'ghandhomx interess guridiku f'din il-kawza. Hu evidenti li l-konvenuti qeghdin jippretendu li llum il-gurnata l-atturi m'ghad ghandhom l-ebda interess fil-wirt ta' Ursola Camilleri minhabba dak li jiddisponi l-Artikolu 845 tal-Kodici Civili (Kap. 16) li jipprovdi:

**845.** (1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riżervat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk *ab intestato*, tispiċċa bl-egħluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni.

(2) Iżda, għall-minuri, jew għall-interdetti, l-azzjoni fuq imsemmija ma tispiċċax ħlief egħluq sena minn dak in-nhar li huma jsiru ta' l-età, jew li l-interdizzjoni tispiċċa, kif ikun il-każ.

"Wara li l-atturi cedew l-ewwel talba, il-kawza baqghet limitata sabiex jigu trattati t-talbiet ghat-tnaqqis tal-legati li saru mit-testatrici permezz tat-testmenti li ghamlet wara l-mewt ta' zewgha. Talbiet li jistghu jwasslu biss sabiex jithallas is-sehem rizervat (legittima) mehud ukoll in konsiderazzjoni li saret ir-rinunzja ai termini tal-Artikolu 860 tal-Kodici Civili. Dan in kwantu meta l-legati mhollijin mit-testatur jilledu l-legittima, hemm lok ghat-tnaqqis taghhom fil-proporzjon mehtieg sabiex b'hekk ikun jista' jigi sodisfatt is-sehem rizervat (legittima leza). M'hemm l-ebda dubju li t-talba ghat-tnaqqis tad-disposizzjonijiet testamentarji saret fit-terminu ta' ghaxar (10) snin mill-ftuh tas-successjoni ta' Ursola Camilleri, li hu terminu ta'

---

[7] Vol. XXVIII.ii.484. Ara wkoll sentenza fl-ismijiet **Concetta Vella et vs Giuseppe Bugeja et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Dicembru 1973 fis-sens li min ghandu dritt ghal legittima ghadu dritt jehodha minn kollox, igifieri **minn dak kollu li jezisti fil-patrimonju tad-decujus**.

preskrizzjoni (ara f'dan is-sens sentenza li nghatat illum stess minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza **Grace Attard vs Dr. Georgine Grech nomine et**). Hu minnu li mid-data tal-ftuh tas-successjoni (21 ta' April 1997) ghaddew iktar minn ghaxar (10) snin. Dan ifisser li l-atturi ppregudikaw ruhhom? Hu biss wara li ssir il-likwidazzjoni tal-patrimonju tad-decujus li wiehed jista' jkun jaf jekk iddisponietx in eccess tal-porzjon disponibbli (*disposable portion*). Il-partimonju tat-testatrici jinqasam fil-kwota disponibbli u fil-kwota mhux disponibbli. Skond l-Artikolu 614 tal-Kodici Civili it-testatur li m'ghandux dixxendenti, axxendenti, zewgu jew martu jista' jiddisponi minn gidu kollu favur kull persuna kapaci li tircievi b'testment. Fejn pero` ghandu dixxendent, axxendent, zewgu jew martu, il-kwota disponibbli hi dik li tibqa' wara li jitnaqqas is-sehem li jmiss lil dawn il-persuni taht id-disposizzjonijiet mill-Artikolu 615-653. L-effett tat-tnaqqis hu li jgib fix-xejn dawk id-disposizzjonijiet testamentarji (u anke donazzjonijiet) fir-rigward ta' dik il-parti li tilledi s-sehem li minnu t-testatur ma setax jiddisponi minnu, u dan ovvjament sabiex terga' tigi komposta dik li rreferejna ghaliha bhala *undisposable portion* u l-legittimarju jkun jista' jiricievi s-sehem rizervat lilu skond il-ligi. Ghalhekk l-ezercizzju li ghandu jsir hu:-

"(a) Dak preliminari, li permezz tieghu:-

"i. Terga' tghaqqad il-patrimonju tad-decujus fis-sens li tpoggi f'massa wahda l-proprjeta` tat-testatur, tillikwida u tnaqqas id-dejn li hu dovut mill-patrimonju, b'mod fittizju zzid kwalsiasi proprjeta` li setghet inghatat mit-testatrici b'donazzjoni[8] u trid issir l-istima tal-proprjeta` fis-zmien tal-ftuh tas-successjoni (*"…..biex issir il-likwidazzjoni tal-legittima jkun necessarju illi jigi fl-interess tieghu likwidat l-assi; izda ghal dan il-fini ma hemmx bzonn la talba specjali u lanqas dikjarazzjoni gudizzjali tal-konsistenza ta' dak l-assi…. Biex tista' tasal ghal dina l-likwidazzjoni hemm diversi processi u principament dak li tkun formata l-massa globali ta' l-assi intier; izda dan huwa implicitu*

[8] Wiehed ma jridx jinsa li l-legitima portio tigi kalkolata fuq il-patrimonju shih tad-decujus, igifieri anke fuq il-proprjeta` li kienet tifforma parti mill-assi ereditarji fiz-zmien tal-mewt kieku ma saritx id-donazzjoni.

*biex tohrog il-likwidazzjoni tal-legittima"* – **Francesco Camilleri nomine vs Dottor Carmelo Zammit et nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Mejju 1939[9]). **Kif jiltesta dan l-ezercizzju wiehed ikun jaf fhix kien jikkonsisti l-patrominju tad-decujus u l-legittima tkun tista' tigi kalkolata**;

"ii. L-imputazzjoni ta' kwalsiasi proprjeta` li wiehed seta' rcieva minghand it-testatrici b'donazzjoni jew bit-testment. Jekk wara li jsir dan l-ezercizzju jirrizulta li min hu ntitolat ghal-legittima diga' thallas, kwalsiasi domanda maghmula ghat-tnaqqis tad-disposizzjonijiet ser tigi evidentement michuda.

"(b) Dak successiv ta' tnaqqis ta' disposizzjonijiet li tkun totali jew parzjali, skond jekk sarux totalment jew parzjalment minn dak is-sehem li minnu ma setatx jiddisponi t-testatur. Billi d-disposizzjonijiet ta' testment huma l-ahhar disposizzjonijiet li jkun ghamel id-decujus, it-tnaqqis jibda minnhom. Inoltre huma soggetti li jikkontribwixxu ghal dan it-tnaqqis dawn li bbenefikaw mis-sehem li seta' jaghmel it-testatur, u cioe` l-eredi, donatarji u legatarji sakemm ma jkunx hemm rinunzja (f'dan ir-rigward ara l-Artikolu 1816 tal-Kodici Civili li jittratta donazzjonijiet[10]).

"Il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-konvenuti li l-atturi m'ghandhomx interess guridiku ghaliex ma ghamlux talba ghal-legittima, in kwantu t-tielet, raba' u hames talbiet huma proprju ntizi biex issir il-likwidazzjoni u eventwalment l-assenjazzjoni tal-legittima. Tant hu hekk li dawn it-talbiet saru biss b'mod alternattiv ghal kaz li tigi michuda t-talba biex il-Qorti tiddikjara nulli testmenti li ghamlet Ursola Camilleri wara li miet zewgha, f'liema

[9] Vol. XXX.i.363.

[10] *"Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1240, dawk li skond il-ligi ghandhom il-jedd li jitolbu t-tnaqqis tad-donazzjonijiet, ma jistghux jirrinunzjaw ghal dan il-jedd fil-hajja tad-donatur, la b'dikjarazzjoni espressa, lanqas billi jaghtu l-kunsens taghhom ghal dawn id-donazzjonijiet".*

eventwalita' kien altru milli evidenti li l-atturi kienu jaccettaw l-eredita`. B'daqshekk il-Qorti m'hijiex qeghda zzid it-talbiet fic-citazzjoni. Il-Qorti m'ghandix dubju li f'dan l-istadju l-interess li jista' ghandhom l-atturi hu li jigi stabbilit il-konsistenza tal-legittima u li jsir it-tnaqqis li tikkontempla l-ligi fejn it-testatrici tkun iddisponiet iktar mill-kwota disponibili. Fil-fehma tal-Qorti id-domandi ghat-tnaqqis tal-legati li ghamlet it-testatrici permezz tat-testmenti li saru wara l-mewt ta' zewgha, ghandhom implicitu fihom talba sabiex tohrog il-likwidazzjoni tal-legittima.

"F'kull kaz dan kollu anke b'applikazzjoni tal-principju tal-ekwipollenza (ara per ezempju sentenza fl-ismijiet **Vincenzo Zammit vs Avukat Dr. Antonio Caruana** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Mejju 1952). M'hemmx skop ghal tali tnaqqis minghand legatarji li whud minnhom m'humiex werrieta, jekk mhux sabiex min hu ntitolat skond il-ligi jiricievi s-sehem li tirrizervalu l-istess ligi. Ghalhekk m'huwiex minnu li l-azzjoni ma saritx fit-terminu preskritt mil-ligi.

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghdha tichad l-eccezzjoni ulterjuri li nghatat mill-konvenuti fid-19 ta' Ottubru 2007 (fol. 273) u tordna l-prosegwiment tal-kawza. Spejjez a karigu tal-konvenuti."

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUTI MARIA MART PETER PAUL CAMILLERI U L-ISTESS PETER PAUL CAMILLERI GHAL KWALUNKWE INTERESS LI JISTA' JKOLLU, LILIAN MART GEORGE GATT U MARY LOUISE MART RAYMOND MUSCAT</u>**

2. Il-konvenuti hasshom aggravati bis-sentenza parzjali surriferita tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali moghtija fit-23 ta' Mejju 2008, u interponew appell minnha. In succint l-aggravji taghhom huma s-segwenti:

(i) L-ewwel aggravju jirrigwarda l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti meta qalet li *"id-domandi ghat-tnaqqis tal-legati li ghamlet it-testatrici permezz tat-testmenti li saru wara l-*

*mewt ta' zewgha, ghandhom implicitu fihom it-talba sabiex tohrog il-likwidazzjoni tal-legittima."* L-appellanti jghidu li ghalkemm it-talbiet attrici jikkostitwixxu l-*azione di riduzione*, huma ma kkostitwewx l-*azione di restituzione*. Ghalhekk la darba din it-talba ghal likwidazzjoni tal-legittima ma saritx fit-terminu preskritt mill-Artikolu 845(1) tal-Kodici Civili, u lanqas ma giet specifikatament mitluba fl-att promotur tal-kawza, l-ewwel Qorti ma setghetx tiddeciedi li it-talba ghal likwidazzjoni hija implicita fit-talba ghar-riduzzjoni.

(ii) Fl-ambitu ta' dan l-aggravju, il-konvenuti appellanti jkomplu li ma jistghux jifhmu kif l-ewwel Qorti waslet ghal din l-konkluzzjoni meta l-atturi appellati ghamlu zewg dikjarazzjonijiet li jinsabu f'rikors pprezentat fit-22 ta' Novembru 2000 (ara fol. 109 tal-process) u fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom ipprezentata fis-6 ta' Settembru 2001 (ara fol. 119-121 tal-process) fejn jghidu rispettivament li l-atturi ghadhom ma kienux iddikjaraw jekk accetawx l-eredita` u li qed izommu, impregudikat id-dritt taghhom tal-legittima u t-tieni nett jghidu li f'din il-kawza m'humiex qeghdin jitolbu l-legittima. L-appellanti jkomplu jissottomettu li sakemm l-atturi ma kienux ghadhom irrinunzjaw ghall-ewwel talba taghhom, huma baqghu jsostnu li m'humiex qeghdin jitolbu ghal-legittima.

(iii) L-appellanti jkomplu li huwa pacifiku li wiehed ma jistax jitlob ghal-legittima jekk ma jkunx irrinunzja ghall-eredita` b'mod espress. L-appellanti ghalhekk isaqsu, kif tista din it-talba ghal-legittima tirnexxi jekk l-atturi appellati rrinunzjaw ghall-eredita` kwazi ghaxar snin wara li kienet infethet il-kawza?

(iv) L-appellanti jhossu li bejn it-talbiet tal-atturi u dak li issa l-ewwel Qorti implicitament accetat li l-atturi qeghdin jitolbu, hemm "valiku inkolmabbli" li ma jistax jigi kopert bil-principju tal-ekwipollenza kif affermat mill-ewwel Qorti. L-ekwipollenza tezisti meta si tratta tal-istess haga li tinghad bl-istess kliem. Skond l-appellanti dan m'huwiex il-kaz hawn ghaliex ma saritx l-*azione di restituzione* izda saret biss l-*azione di riduzione*.

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-konvenuti appellanti talbu it-thassir u r-revoka tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fil-23 ta' Mejju 2008, u dan billi tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti appellanti li l-atturi m'ghandhomx interess guridiku fil-prosegwiment ta' din il-kawza stante illi ma ghamlux it-talba ghal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-legittima fiz-zmien moghti lilhom bil-ligi. Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**<u>RISPOSTA TAL-ATTUR ANTHONY CAMILLERI PROPRIO ET NOMINE</u>**

3. L-appellat preliminarjament jissottometti li is-sentenza parzjali hija wahda gusta u ekwa. Ighidu illi m'huwiex minnu li l-atturi appellanti ma ghandhomx interess guridiku li jipprosegwu din il-kawza. L-appellati jghidu li permezz tat-talbiet taghhom huma staqsew lill-ewwel Qorti ghal dikjarazzjoni li l-legati mhollija jaqbzu s-sehem li minnu setghet tiddisponi, talbu wkoll sabiex jigi stabbilit is-sehem li t-testatrici setghet tiddisponi minnu, u talbu wkoll li l-legati mhollija minnha jigu mnaqqsa ghas-sehem li minnu setghet tiddisponi it-testatrici. Ghalhekk din it-talba jista' jkollha biss tifsira wahda, u dan partikolarment fid-dawl tal-fatt li l-legatarji salv Maria mart Paul Camilleri m'humiex werrieta. L-appellati jkomplu jghidu li ghalhekk meta giet intavolata l-kawza, jigifieri tlett xhur wara l-mewt ta' ommhom Ursola Camilleri, ma kien hemm l-ebda dubju lanqas f'ghajnejn il-konvenuti, li l-atturi appellati riedu s-sehem spettanti lilhom, jew is-sehem kif ordnat mit-testment precedenti tad-*decujus* jew alternattivament dak spettanti lilhom mill-porzjon rizervat ghall-ulied. Ghalhekk, l-ewwel Qorti rriteniet tajjeb meta qalet li t-tieni, it-tielet u r-raba' talba attrici ma kienu xejn hlief talba ghal-legittima maghmula bi kliem differenti. La darba kien hemm dawn it-talbiet, l-atturi ma hallewx l-ghaxar snin jiddekadu kontrihom. Minbarra dan kollu, l-atturi fil-mori tal-kawza allegaw id-dikjarazzjonijiet taghhom tar-rinunzja fejn zammew impregudikat id-dritt taghhom ghal-legittima, u li ghalhekk l-intenzjoni tal-atturi kienet cara. Fl-ahharnett, l-atturi appellati jissottomettu li l-porzjoni riservat, qabel il-legittima hija inkorporata fil-ligi

bhal regola ta' *public policy*. L-iskop ta' ghaxar snin sabiex issir it-talba tal-legittima hija hemm sabiex l-eredi jew legatarji ma jithallewx fi stat ta' ambigwita` ghal zmien indefinit. F'dan il-kaz, is-sitwazzjoni fil-konfront tal-konvenuti appellanti kienet cara mill-bidunett. L-appellanti jirrilevaw li ma setghux jirrinunzjaw ghall-wirt ghaliex jekk l-Qorti tiddeciedi finalment li l-ahhar testament validu huwa l-istess wiehed li huma stess qeghdin isostnu li kien validu, jkunu f'posizzjoni ambigwa li jkunu cahdu d-dritt taghhom li jaccettaw l-istess wirt skond dak it-testment iddikjarat bhala validu. Izda gialadarba, l-atturi appellati irrinunzjaw ghat-talba taghhom dwar il-validita` tat-testmenti, huma rrinunzjaw ghal wirt u zammew ferm id-dritt taghhom ghal-legittima.

**FATTI MERTU TAL-KAZ**

4. Qabel ma tghaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-konvenuti appellanti, din il-Qorti thoss li jkun opportun li taghti sfond fil-qosor tal-fatti kollha mertu tal-kawza in kwistjoni, u dan kif ser jinghad:

i) Fil-21 ta' April 1997, mietet Ursola Camilleri armla ta' Paul Camilleri;

ii) Il-konjugi Camilleri kienu ghamlu erba' testmenti *unica charta*, li jinsabu: fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin datat 7 ta' Gunju 1975; fl-atti tan-Nutar Emmanuele Cefai datat 25 ta' Ottubru 1979; fl-atti tal-Nutar Emmanuele Cefai datat 12 ta' Settembru 1980 u fl-atti tan-Nutar Emmanuele Cefai datat 30 ta' Ottubru 1981.

iii) Illi wara li miet Paul Camilleri, Ursola Camilleri ghamlet tmien testmenti ohra, li jinsabu: fl-atti tan-Nutar Michale Refalo datat 26 ta' Lulju 1985; fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datat 31 ta' Lulju 1985; fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datat 12 ta' Novembru 1985; fl-atti tan-Nutar Emmanuele Cefai datat 21 ta' Ottubru 1991; fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datat 12 ta' Dicembru 1991; fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datat 26 ta' Ottubru 1993; fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datat 2 ta' Settembru 1994;

u fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datat 19 ta’ Dicembru 1994;

iv) Fl-ewwel erba’ testmenti *unica charta*, minbarra l-fatt li t-testaturi istitwew bhala eredi universali taghhom lis-sitt itfal taghhom, jigifieri lil Anthony, John, Nazzareno u Michael ahwa Camilleri u lil Carmen mizzewga Xuereb u Maria mizzewga Camilleri, thallew ukoll is-segwenti legati: legat lil Maria Camilleri tal-art taht id-dar “Chez Nous”, Triq San Gwann, Nadur, li kienet mibnija bi flusha; legat lil Carmen Xuereb tal-art taht id-dar taghha, Triq San Gwann, Nadur; legat lil John u Anthony ta’ nofs indiviz ta’ tlieta u erbghin (43) tomna tar-raba maghrufa bhala “Tal-Gebel l-Ahmar”, fin-Nadur; legat lil John u Anthony tad-dirett dominju perpetwu fuq ir-raba maghrufa bhala “Ta’ Troppu” fin-Nadur tal-kejl ta’ seba’ mija tnejn u ghoxrin (722) metri kwadri; legat lil Michael tal-art maghrufa bhala “Ta’ Troppu” tal-kejl ta’ disa’ mija sitta u hamsin (956) metri kwadri u legat lil Nazzarenu ta’ bicca art mill-art maghrufa bhala “Ta’ Troppu” tal-kejl ta’ seba’ mija u erbgha (704) metri kwadri.

v) Fit-testmenti li gew maghmula minn Ursola Camilleri wara l-mewt ta’ zewgha, thallew is-segwenti legati u prelegati: legat lil Lilian Camilleri, jigifieri t-tifla ta’ Maria Camilleri, ta’ terz indiviz mid-dar numru tlieta (3), Triq San Gwann, in-Nadur, in kumpens ta’ servigi; prelegat lil Maria Camilleri ta’ zewg bicciet art mill-art maghrufa bhala “Ta’ Troppu” tal-kejl ta’ mija sebgha u tmenin (187) metri kwadri u sitta u hamsin (56) metri kwadri rispettivament; prelegat lil Maria Camilleri ta’ bicca art mill-art maghrufa bhala “Ta’ Troppu” tal-kejl ta’ tmenin (80) metri kwadri u bicca raba maghrufa “Ta Dun Vincenz” tal-kejl ta’ erba’ mija sitta u disghin (496) metri kwadri, bhala kumpens ghas-servigi; prelegat lil Lilian Camilleri tal-mandra tal-kejl ta’ mitejn tnejn u sittin (262) metri kwadri li qeghda fuq in-naha ta’ wara ta’ 3, Triq San Gwann, in-Nadur; prelegat lil Maria Camilleri tal-beni immobbli kollha li Ursola Camilleri wirtet minn ohtha Paola xebba Vella; u prelegat lil Mary Louise u Lilian, it-tfal ta’ Maria Camilleri, ta’ bicca raba maghrufa bhala “Taz-Zebbuga”, Triq San Blas, in-Nadur.

vi) Minn dawn it-testmenti jirrizulta wkoll li permezz tat-testment datat 2 ta' Settembru 1994, filwaqt li kkonfermat it-testmenti kollha taghha, Ursola Camilleri ma kkonfermatx dak tat-12 ta' Settembru 1980, u li ghalhekk il-legat li kien thalla lil Nazzareno Camilleri kien revokat. Jirrizulta wkoll li permezz tat-testment taghha datat 19 ta' Dicembru 1994, it-testatrici rrevokat il-prelegat li kien inghata lil Carmena mizzewga Xuereb fit-testment datat 26 ta' Lulju 1985.

vii) Fil-23 ta' April 1998, saret il-*causa mortis* fl-Atti tan-Nutar Michael Refalo. Din id-denunzja saret biss minn Maria mizzewga Camilleri u mit-tfal taghha Lilian u Marie-Louise.

viii) Anthony Camilleri, John Camilleri, Nazzareno Camilleri, Michael Camilleri u Carmen mizzewga Xuereb, ipprezentaw mandat ta' inibizzjoni numru 338/1997, kontra Maria mizzewga lil Peter Paul Camilleri, l-istess Peter Paul Camilleri, Lilian mart George Gatt u Mary Louise mart Raymond Muscat, sabiex fil-mori ta' din il-kawza, il-beni legati li gew imhollija lill-konvenuti ma jaqghux f'idejn terzi.

ix) In segwitu ta' dan il-mandat, saret din il-kawza in dizamna.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. L-ewwel aggravju jirrigwarda l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti meta rriteniet li *"id-domandi ghat-tnaqqis tal-legati li ghamlet it-testatrici permezz tat-testmenti li saru wara l-mewt ta' zewgha, ghandhom implicitu fihom it-talba sabiex tohrog il-likwidazzjoni tal-legittima."* L-appellanti jghidu li ghalkemm it-talbiet attrici jikkostitwixxu l-*azione di riduzione*, huma ma kkostitwewx l-*azione di restituzione*. Ghalhekk la darba din it-talba ghal likwidazzjoni tal-legittima ma saritx fit-terminu preskritt mill-Artikolu 845(1) tal-Kodici Civili, u lanqas ma giet specifikatament mitluba fl-att promotur tal-kawza, l-ewwel Qorti ma setghetx tiddeciedi li it-talba ghal-likwidazzjoni hija implicita fit-talba ghar-riduzzjoni.

Meta wiehed jara t-talbiet li saru mill-atturi appellati, it-tieni talba taghhom hija sabiex jigi ddikjarat li l-legati li kienu mhollija favur il-konvenuti jaqbzu s-sehem li minnu setghet tiddisponi it-testatrici u sussegwentement talbu li l-legati u l-laxxiti li saru favur il-konvenuti jitnaqqsu sa dak is-sehem li setghet tiddisponi minnu it-testatrici.

Ghalhekk dak li ghandha tara din il-Qorti huwa jekk b'din it-talba l-atturi appellati kienux fil-fatt qeghdin jitolbu s-sehem rizervat ghalihom jew le.  Sabiex tigi kkonsiderata din il-kwistjoni, din il-Qorti se tirreferi ghal xi principji li japplikaw ghall-kwistjoni in dizamina.

Qabel xejn sabiex tkun tista' tintalab il-likwidazzjoni ta' wirt, jehtieg li l-attur ikun werriet jew tal-anqas legittimarju. Ghalhekk min ma jkunx ghadu ddelibera jekk accettax l-eredita` jew ma accettahiex, u minflok jiehu l-legittima, ma jistax jippromwovi kawza ghal-likwidazzjoni tal-wirt, ghaliex f'din is-sitwazzjoni ta' incertezza ma' jistax jigi kkonsiderat la bhala werriet u lanqas bhala legittimarju (ara f'dan is-sens dak li korrettement gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Mary Ellul v. Joseph Coleiro et**, deciza fis-6 ta' April 1959).

Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-legittimarju, imbaghad, dan ma jistax jippromwovi kawza u jitlob ghal-legittima qabel ma jkun irrinunzja ghall-wirt b'mod espress, kif jiddisponi l-Artikolu 860 tal-Kodici Civili.

Minbarra dan kollu, meta d-*decujus* fl-ghoti tal-legati jeccedi l-kwota disponibbli, il-werrieta jistghu jissalvagwardaw il-posizzjoni taghhom billi jirrinunzjaw ghall-wirt bir-rizerva tad-dritt tal-legittima u jaghmlu talba fi zmien ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni sabiex kull sehem minn dak il-legat li jeccedi l-parti disponibbli mit-testatur ai termini ta' l-Artikolu 614 tal-Kodici Civili, jigi mnaqqas sabiex tigi salvagwardata l-legittima (ara f'dan is-sens dak li gie ritenut mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Teresa Borg v. Caremlo Borg** deciza fit-2 ta' Ottubru 2002).

Fl-ahharnett, meta ssir il-komputazzjoni tal-legittima hemm zewg stadji. L-ewwel stadju li fih tigi determinata l-lezjoni tal-porzjon u t-tieni stadju meta ssir l-likwidazzjoni.

6. F’dan l-appell, l-atturi appellati kienu originarjament talbu sabiex id-disposizzjonijiet testamentarji tad-*decujus* Ursola Camilleri jigu ddikjarati mill-ewwel Qorti bhala nulli u bla effett u in mankanza ta’ din it-talba kienu talbu sabiex dik il-Qorti tiddikjara li l-legati li gew imhollija mid-*decujus* favur il-konvenuti appellanti kienu jaqbzu s-sehem li minnu setghet tiddisponi t-testatrici u sussegwentement l-ewwel Qorti kellha tnaqqas is-sehem li minnu setghet tiddisponi id-*decujus*.

Ghalhekk jidher bic-car mill-ewwel talba tal-atturi appellati li f’dak iz-zmien meta kienet infethet din il-kawza, jigifieri fl-10 ta’ Lulju 1997, huma kienu qeghdin effettivament jaccettaw l-eredita`, proprju ghaliex kienu qeghdin jippromwovu kawza bhala werrieta.

Issa dak li gara f’din il-kawza huwa li sussegwentement din l-ewwel talba giet ceduta mill-atturi appellati permezz ta’ nota fit-2 ta’ Gunju 2006, li qeghda a fol. 162 tal-process. Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha mbaghad tiehu in konsiderazzjoni t-tieni talba tal-atturi appellati jigifieri fejn dawn talbu li jigi ddikjarat li l-legati li gew imhollija mid-*decujus* kienu jaqbzu s-sehem rizervat. Din il-Qorti hija tal-fehma li anke sa dan il-mument l-atturi appellati kienu ghadhom meqjusin bhala werrieta. Izda gara li fil-25 ta’ April 2007, il-konvenuti appellanti pprezentaw rikors quddiem l-ewwel Qorti fejn, filwaqt li rriferew l-ewwel Qorti ghal nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri taghhom tat-28 ta’ Settembru 2000, a fol. 99 tal-process, talbu lill-Qorti sabiex tillimita s-smiegh tal-kawza ghat-tieni eccezzjoni taghhom, ossia li t-talba tal-atturi ghal-legittima ma tistax tigi akkolta ghaliex l-atturi ma kienux rrinunzjaw ghal eredita` tad-*decujus*.

Kien biss f’dan il-mument li l-atturi appellati permezz ta’ nota pprezentaw in-noti guramentati taghhom ta’ rinunzja. Ghalhekk irrizulta li fil-22 ta’ Jannar 2007, ara fol. 182 sa fol. 191 tal-process, Michael Camilleri, Agnese Camilleri u

uliedha Nathalie Hili, David Camilleri u Kevin Camilleri, Anthony Camilleri, u John Camilleri kollha rrinunzjaw ghall-wirt ta' Ursola Camilleri u zammew ferm id-dritt taghhom ghal-legittima. Anke l-attrici Carmena Xuereb u Richard Xuereb irrinunzjaw ghall-eredita` tad-*decujus* permezz ta' nota pprezentata fit-23 ta' Jannar 2007.

7. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija tal-fehma li meta l-atturi appellati ppromwovew din l-azzjoni ma kienux qeghdin jitolbu il-legittima u dan evidentement minhabba l-fatt li ma kienux ghadhom rrinunzjaw ghall-eredita` tad-*decujus*. U kif diga` nghad aktar 'il fuq, qabel ma tista' ssir din it-talba trid issir ir-rinunzja.

Ghalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dak li ddecidiet l-ewwel Qorti li id-domandi ghat-tnaqqis tal-legati *"ghandhom implicitu fihom talba sabiex tohrog il-likwidazzjoni tal-legittima"*. L-atturi appellati misshom fl-ewwel lok irrinunzjaw ghall-eredita` biex imbaghad setghu jaghmlu t-talba taghhom ghal-legittima, liema talba din il-Qorti tinnota li qatt ma saret formalment mill-atturi appellati.

8. Minbarra dan kollu, fl-ewwel aggravju taghhom il-konvenuti appellanti jsostnu wkoll li tali talba ghal-legittima kellha ssir fit-terminu indikat mill-Artikolu 845(1) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jghid li sabiex ssir talba fejn qed jintalab il-wirt, legat jew is-sehem rizervat, tali talba ghandha ssir fi zmien ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni. Issa t-talba li ghamlu l-atturi appellati kienet sabiex id-disposizjonijiet testamentarji jitnaqqsu sas-sehem tad-*decujus*, u ghalhekk japplika l-Artikolu 647 tal-Kodici Civili, li bih anke din it-talba ghandha ssir fi zmien ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni. Stante li d-*decujus* Ursola Camilleri mietet fil-21 ta' April 1997 u din il-kawza infethet fil-10 ta' Lulju 1997, ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-talba tal-atturi ghat-tnaqqis tad-disposizzjonijiet testamentarji, din it-talba saret *entro termine* ghaliex saret fi zmien tlett xhur mill-mewt tad-*decujus*.

Jinghad ukoll illi li kieku l-atturi appellati talbu formalment il-legittima wara li kienu rrinunzjaw ghal wirt, din it-talba kienet tkun ukoll *entro termine* ghaliex la r-rinunzja saret fit-22 ta’ Jannar 2007, ma kienux ghad ghaddew dawk il-ghaxar snin, ai termini tal-Artikolu 845(1), mill-ftuh tas-successjoni. Izda dan huwa esercizzju purament akkademiku, stante illi l-posizzjoni guridika prezenti tal-atturi appellati vis-à-vis l-konvenuti appellanti hija wahda bla ebda bazi legali. Fir-realta` l-indecizjoni lampanti u ta’ bdil minn pozizzjoni ghal ohra da parti tal-atturi appellati jirrizultaw li kienu fatali ghan-naha attrici. Deher evidenti illi l-ewwel Qorti ppruvat tissana l-indecizjoni tal-atturi bl-espedjent legali tal-ekwipollenza pero` din il-Qorti ma tarax gustifikazzjoni legali ghall-applikazzjoni tal-ekwipollenza fil-kaz in ezami.

9. Ghalhekk din il-Qorti tirritjeni li l-atturi meta fethu din il-kawza, stante li lanqas kienu rrinunzjaw ghall-eredita` tad-*decujus*, ma kienux qeghdin jitolbu wkoll implicitament il-legittima spettanti lilhom. Wara kollox, dan gie anke ammess mill-atturi stess, kif tajjeb irrilevaw l-konvenuti appellanti fir-rikors tal-appell taghhom – li b’din il-kawza ma kienux qeghdin jitolbu ghal-legittima. Fin-nota ta’ sottomissjoni taghhom a fol. 120 tal-process, l-atturi appellati espressament jghidu:
“Illi l-esponenti b’din il-kawza mhumiex qeghdin jitolbu l-legittima skond il-ligi mill-wirt ta’ ommhom u lanqas ghadhom iddikjaraw jekk humiex qeghdin jaccettaw l-eredita` tal-mejta u qeghdin ihallu din il-kwistjoni impregudikata sakemm tigi deciza definittivament din il-kawza u mbaghad ikunu f’posizzjoni ahjar dwar jekk jaccettawx l-eredita jew li jirrinunzjaw ghaliha u jitolbu l-legittima skond il-ligi u dan permezz ta’ kawza separata u distinta mill-proceduri odjerni.”

Illi ghalhekk *ex admissis* l-appellati qeghdin jiddikjaraw li qatt ma’ talbu ghal-legittima u jekk fil-fatt jirrinunzjaw ghall-eredita` u jitolbu l-legittima, ghandha ssir kawza separata.

Ghaldaqstant l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti qieghed jigi milqugh.

10. Minhabba l-fatt li din il-Qorti sejra tilqa’ dan l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti ma hemmx bzonn li tkompli tikkonsidra l-bqija tal-appell.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tilqa’ l-appell tal-konvenuti appellanti u ghalhekk thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fil-23 ta’ Mejju 2008, billi tichad it-talbiet attrici u tilqa’ t-tieni eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti appellanti li stante li l-atturi appellati filwaqt li matul il-mori tal-kawza rrinunzjaw ghall-eredita` tad-*decujus*, qatt ma fformalizzaw it-talba ghal-legittima.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------